# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 14 ta' Ottubru 2019**

**Talba Numru 133/2019SFJ**

***Stephen Borg (150864M)***
***vs.***
***William Spiteri (321982M)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' erbat elef u ħames mija u sitta u għoxrin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€4,526.11) rappreżentanti bilanċ dovut lill-istess attur wara li huwa għamel xogħol ta' tqegħid ta' rħam fl-indirizz 309, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, fuq inkarigu tal-konvenut. Dan ix-xogħol tlesta f'Lulju 2018. Dan l-ammont ma tħallasx nonostante interpellazzjoni kif ukoll nonostante li l-konvenut kien kuntent bix-xogħol li sar.

Ra li l-konvenut ġie innotifikat fis-6 ta' Settembru 2019 kif jidher mir-riferta li tinsab a fol. 13 tal-proċess.

Ra li fix-xhieda tiegħu fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2019, l-attur xehed u fix-xhieda tiegħu ikkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviż tat-Talba għadu dovut għar-raġunijiet elenkati fl-Avviż tat-Talba stess.

Ra li l-konvenut la qatt deher għal xi udjenza u lanqas ippreżenta xi sottomissjoni fl-atti tal-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2019 il-konvenut reġa' ma deherx.

Ikkunsidra li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

Ikkunsidra li l-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Ikkunsidra li *siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Ikkunsidra, għalhekk, li wara li sema' x-xhieda tal-attur, liema xhieda ma ġiet kontradetta b'ebda mod, li t-talba tal-istess attur timmerita li tkun milqugħa.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tal-attur ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u b'hekk jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u ħames mija u sitta u għoxrin Ewro u ħdax-il ċenteżmu (€4,526.11) flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet kollha kif mitluba fl-Avviż tat-Talba, liema imgħax għandu jiġi ikkalkulat mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**